Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

Protest Gudizzjarju ta

1, Din l-Art Helwa
VO No.: 008

2. Żminijietna – Leħen ix-Xellug
VO No.: 178

3. Ramblers' Association of Malta
VO No.: 0024

4. Nature Trust (Malta)
VO No.: 048

5. BirdLife Malta
VO No.: 052

6. Friends of the Earth Malta
VO No.: 091

7. Moviment Graffitti
VO No.: 126

8. The Archaeological Society Malta
VO No.: 0195

9. Flimkien għal Ambjent Aħjar
VO. No. 101

10. Kamra tal-Periti

11. Isles of the Left

12. Bicycle Advocacy Group (BAG) VO 0859

Vs

1) Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali l-Onorevoli Ian Borg

Block B, Triq Francesco Buonamici,
Floriana FRN 1700

2) Infrastructure Malta
Vjal l-Avjazzjoni Luqa LQA 9023

3) Transport Malta
A3 Towers, PLA 1212, Triq L Arkata, Raħal Ġdid

3) Awtorita` ta' l-Ippjanar St Francis Ravelin, Floriana

**L- esponenti jesponu reverentement:**

Illi l-esponenti huma kollha ghaqdiet u entitajieti li ghandhom l-ghan u l-oggettiv li jissalvagwardjaw l-ambjent u wirt naturali u kulturali, u li jharsu s-sahha tac-cittadini, it-trasport sostennibbli, modijiet alternattivi ta mobilita u l-harsien tal-ligijiet.

Illi fil-hdax (11) ta Dicembru elfejn u tmintax (2018) l-intimat Ministru tat-Trasport l-Onorevoli Ian Borg habbar li kienet ser tinhareg sejħa internazzjonali għall-bini ta' mina bejn Malta u Għawdex.

Illi sussegwentement fit-tmienja (8) ta Jannar elfejn u ghoxrin (2020) l-agenzija Infrastructure Malta ippubblikat *"Prequalification Questionnaire for the Award of a Concession Contract for the Design, Build, Finance, operatie, Maintain and Transfer of a Malta-Gozo (Partly Sub-Sea) Tunnel"*.

Illi tali mina ser tinvolvi skavar fl-art u l-bahar jew u/jew struttura impoggija f'qiegh il-bahar u ha jkollha impatt konsiderevoli fuq l-ambjent marittimu, fuq dak terren kif ukoll fuq il-modalita tat-trasport nazzjonali.

Illi l-ezercizzju ta skavar, bini u tpoggija tal-mina ta din il-qisien jirrigwarda zoni konsiderevoli ta' art u bahar u bidla estensiva fid-destinazzjoni u l-uzu ta' l-art, kif ukoll fl-istrategija u ippjanar tat-trasport fil-pajjiz u l-pjan ghall-uzu tal-materjal skavat.

Illi ezercizzju ta' dan it-tip u dan il-kobor ghandu jsir skond il-ligi Ewropea, senjament id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Gunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' certi pjanijiet u programmi fuq l-ambjent maghrufa bhala s-SEA Directive, li fost affarijiet ohra jimponi li ssir Stima Ambjentali Strategika li jinkludi t-thejjija ta' rapport xjentifiku u dettaljat dwar l-impatti rispettivi tas-soluzzjonijiet alternattivi kollha, kif ukoll process ta' konsultazzjoni mal-pubbliku meta jkun mahsub illi jsir tibdil jew modifikazzjoni lil xi pjan, strategija jew programm ta' zvilupp.

Illi din id-direttiva giet trasposta fil-ligi Maltija permezz ta' l-Avviz Legali 418 tas-sena 2005, kif emendat bl-Avviz Legali 497 tal-2010, u bl-Att XXV tal-2015. Illi din l-istess direttiva tifforma parti mill-ligi Maltija u dana skond il-provizjonijiet tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap 460 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi minkejja li fl-2016 Transport Malta hejjiet 'National Transport Strategy 2050', u 'Transport Master Plan 2025', li ghalihom kienet saret l-idoneja Stima Ambjentali Strategika (Strategic Environment Assessment), is-surreferiti Strategija u Master Plan espressament jeskludu il-konsiderazzjoni ta' mina taht il-bahar bejn Malta u Ghawdex.

Illi il-kuncett tat-tali mina ghalhekk tikkostitwixxi bidla materjali fis-sustanza tas-surreferiti Strategija u Master Plan u l-Pjan tat-Trasport, u li skond ir-Regolamenti SEA (S.L 549.61), tali bidla tirrikjedi li ssir mill-gdid Stima Ambjentali Strategika (Strategic Environment Assessment).

Illi l-progett ha jiggenera ammont konsiderevoli ta materjal skavat minn qiegh il-bahar u il-punt ta dhul u hrug tal-mina.. Illi l-mod ta kif jigi trattat, uzat, depozitat u uzat dan l-iskart u materjal skavat jikostitwixxi bidla materjali ghal qafas legislattiv prezenti - specjalment jekk ser jintuza ghar-riklamazzjoni tal-art fil-bahar jew xi post iehor u dan ghax ma jezistix qafas regolatorju u/jew legislattiv ghar-riklamazzjoni. Illi skond ir-Regolamenti SEA (S.L 549.61), tali bidla tirrikjedi li ssir mill-gdid Stima Ambjentali Strategika (Strategic Environment Assessment).

Illi l-pubbliku u entitajiet bl-ghan li jipproteggu l-ambjent ghandhom jinghataw opportunita bikrija u effettiva sabiex jesprimu l-opinjoni taghhom dwar l-abbozz tal-pjan jew tal-programm u r-rapport dwar l-ambjent li jkun mieghu qabel ma jigi adottat il-pjan jew il-programm jew is-sottomissjoni tieghu ghall-procedura legislattiva.

Illi minkejja li l-esponenti talbu ghal informazzjoni rigward it-thejjija ta Stima Ambjentali Strategika mill-awtoritajiet rilevanti, ma rcivewx risposta konvincenti f'dan ir-rigward waqt lil-entitajiet intimati qed ikomplu jagixxu f'mod li jrendi l-ghazla u l-ghamla tal-progett wiehed ta' "fait accomplit" minghajr l-element mandatorju ta' informazzjoni u konsultazzjoni pubblika fi stadju bikri.

Illi skond ir-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali (S.L 549.46) kellu jkun hemm stħarriġ inizjali li jkun dettaljat biżżejjed u raġjonevolment eżawrjenti tal-alternattivi li jistgħu jkunu xierqa, abbażi tal-merti tekniċi, tal-fattibbiltà u tal-implikazzjonijiet u impatti ambjentali tagħhom, sabiex jkun semplifikat u ottimizzat il-proċess tal-valutazzjoni sussegwenti.

Illi l-Konvenzjoni tal-Aarhus (il-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti) ukoll tirrikjedi li l-evalwazzjoni tal-alternattivi ssir u li din tkun soggetta ghal-konsultazzjoni pubblika fi stadju bikri halli jkun hemm possibilta ta konsultazzjoni effettiva.

Illi Ir-raguni ghal dan il-kriterju mandatarju huwa semplici - sabiex fi stat mill-iktar bikri ikun maghruf x'inhuma l-alternattivi li jistghu jitwettqu u x'ha jkun l-impatt ambjentali ta dawk l-alternattivi.

Illi isir process ta konsultazzjoni pubblika fuq din l-evalwazzjoni ta alternattivi proprjament sabiex tista tintghazel l-aktar alternattiva fattibbli u ta' beneficcju ambjentali. Naturalment jekk l-ghazla tkun diga effettivament saret ghax l-applikant ghazel l-iskema u l-progett partikolari u ghal-tip ta xoghol ghat-twettiq tal-ghazla tieghu, (kif qed jigri f'dan il-kaz) allura l-process ta konsultazzjoni pubblika ghal evalwazzjoni ta alternattivi, jsir wiehed akkademiku u minghajr ebda effett.

Illi ma jkun hemm ebda utilita li jsir ezercizzju ta evalwazzjoni ta sitt alternattivi jekk l-applikant ikun diga iddeccieda fuq alternattiva wahda biss minnhom u sahansitra beda kors ta azzjoni biex dik l-ghazla tigi implimentata – kif fil-fatt qed isir mill-agenzija Infrastructure Malta.

Illi skond il-Kodici Civili (Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta Malta) il-bahar, il-qiegh tal-bahar u s-saff taht il-wicc tal-blat li jinsabu taht l-ibhra territorjali u l-kolonna tal-ilma huma kollha beni fid-demanju pubbliku u ghaldaqstant huma "extra commercium" sakemm ma jiġux deklassifikati skont id-dispożizzjonijiet tal-Ligi. Illi ma saritx id-deklassifikazzjoni skond il-ligi. Illi il-materja u l-forma ta beni fid-demanju pubbliku ghandha tigi preservata sahansitra jekk tigi deklassifikata. Illi ma giex segwit il-process ta deklassifikazzjoni bir-rizultat li dan il-progett qed jevadi l-iskrutinju kollu li jisthoqq.

Illi l-agenzija intimata Infrastructure Malta qed tagixxi "ultra vires" peress il-Kapitlu 588 li jikkostitwixxi tali agenzija ma jipprovdix li l-agenzija ghandha s-setgha taghmel xoghlijiet jew tagixxi fl-isfera marittima jew tal-infrastruttura marittima u ghaldaqstant kull azzjoni li qed tiehu f'dan ir-rigward mhux konformi mal-provizjonijiet legali u mhix awtorizzata mill-ligi. Illi l-harsien tal-ligijiet hija kwistjoni ta ordni pubbliku u ma jistghux jigu injorati f'mod legger u negligenti, kif qed isir f'dan il-kaz.

Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li jgibu il-premess a formali konjizzjoni tal-intimati, jipprotestaw ruħhom kontra tagħhom, jinterpellawhom sabiex minnufih jirrimedjaw ghan-nuqqasijiet fuq premess billi b'effett immedjat u jiddikjaraw u jordnaw li ssir Stima Ambjentali Strategika (Strategic Environment Assessment) li jinkludi t-thejjija ta' rapport xjentifiku u dettaljat dwar l-impatti rispettivi tal-proposta tal-mina surreferita, kif ukoll tas-soluzzjonijiet u disinji alternattivi kollha, kif ukoll jinfurmaw l-ghaqdiet u entitajiet esponenti meta ttiehdet id-decizjoni rigward tali Stima Ambjentali Strategika u meta ha jkunu ppubblikati l-istudji kollha relatati mal-iStima Ambjentali Strategika u meta ha jibda il-process ta' konsultazzjoni effettiv mal-pubbliku fi zmien idoneju.

L-esponenti qed izommu l-istess intimati responsabbli ghal-harsien tal-ligijiet u direttivi applikabbli u jzommuhom responsabbli ghad-danni gja sofferti u dawk l-ohra li talvolta jistghu jsoffru, u minn issa jqeghduhom f'dolo, culpa u mora ghal-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez tal-prezenti.

Av Claire Bonello
215/4 Old Bakery Street, Valletta
drcbonello@gmail.com

**Notifika:**

1. **Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali l-Onorevoli Ian Borg**
   Block B, Triq Francesco Buonamici,
   Floriana FRN 1700
2. **Infrastructure Malta**
   Vjal l-Avjazzjoni Luqa LQA 9023
3. **Transport Malta**
   A3 Towers, PLA 1212, Triq L Arkata, Raħal Ġdid
4. **Awtorita` ta' l-Ipjannar**
   St Francis Ravelin, Floriana FRN 1230

Mittenti

1. **Din l-Art Helwa**
   133, Melita Street, Valletta

2. **Żminijietna – Leħen ix-Xellug**
   PO Box 35, Sliema

3. **Ramblers' Association of Malta**
   Tal-Qroqq Sports Complex, Triq Maria Theresa Spinelli, Il-Gzira

4. **Nature Trust (Malta)**
   PO Box 9, Valletta

5. **BirdLife Malta**
   57/28, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex

6. **Friends of the Earth Malta**
   Xatt ic-Cangatura, Floriana

7. **Moviment Graffitti**
   67, Strait Street, Valletta

8. **The Archaeological Society Malta**
   c/o Dept. of Classics & Archaeology, University of Malta, Msida

9. **Flimkien għal Ambjent Aħjar**
   23, St Anne Street, Floriana

10. **Kamra tal-Periti**
    The Professional Centre, 127, Sliema Road, Gzira
11. **Isles of the Left**
    72, Il-Minzel, Triq E. Attard Bezzina, Zejtun

12 **Bicycle Advocacy Group**,46, The Willows, Spadaro Street, Zabbar ZBR 3465